MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-21 ta' Mejju, 1999

Citazzjoni Numru. 2105/1999/1

**Kenneth VELLA**

**vs**

**Jason DEMICOLI u Martin James BONAVIA.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni ppresentat fl-1 t'Ottubru, 1999, li permezz tieghu l-attur ippremetta:

Illi l-attur kien involut f'incident awtomobilistiku mal-konvenuti fit-28 ta' Mejju 1999 ghall-habta tas-7.30 pm f'Regional Road, c/w Spinola Road, San Giljan meta l-attur kien qed isuq Fiat Punto Cabrio bin-numru tar-registrazzjoni LAF 064, waqt li l-konvenut Jason Demicoli kien qed isuq vettura tal-marka Fiat Bis bin-numru tar-registrazzjoni CBD 191 u l-konvenut Martin James Bonavia kien qed isuq Opel Corsa bin-numru tar-registrazzjoni AAL 195;

Illi dan l-incident sehh tort unikament tal-konvenuti jew min minnhom minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghhom;

Illi a kawza ta' dan l-incident l-attur sofra danni konsistenti fi hsara fil-vettura tieghu;

Ghalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-incident awtomobilistiku li sehh bejn il-kontendenti fit-28 ta' Mejju 1999 ghall-habta tas-7.30 pm fi Triq Spinola, San Giljan sehh tort unikament tal-konvenuti jew minn minnhom;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur a kawza ta' l-istess incident;

3. Tikkundnna lill-konvenuti jew min minnhom ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenuti ngunti in subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda tieghu, flimkien mad-dokument mehmuz maghha;

Rat id-Degriet ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) tat-12 t’Ottubru, 1999, li bih appuntat is-smiegh tal-kawza ghas-7 ta’ Marzu, 2000;

Rat li l-konvenut Jason Demicoli, notifikat fl-20 ta’ Marzu, 2000, bl-Att tac-Citazzjoni u bl-Avviz tas-Smiegh, ressaq kontestazzjoni permezz ta’ Nota tal-Eccezzjonijiet fl-10 ta’ Mejju, 2000, jigifieri wara l-ghoxrin ( 20) jum moghtija lilu mil-ligi u ghalhekk waqa’ kontumaci;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut l-iehor Martin James Bonavia mressqa fl-1 t’Awissu, 2000, ghalkemm ma kienx ghadu gie formalment notifikat bl-Att tac-Citazzjoni u bl-Avviz tas-Smiegh;

Rat ir-Rikors tal-attur tas-17 ta’ Mejju, 2000 (pagna 22 tal-process) u li rega’ gie ippresentat mill-gdid fil-15 ta’ Gunju, 2000 (pagna 25 tal-process) li bih talab lil din il-Qorti tnehhi mill-atti tal-process in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut Jason Demicoli minhabba li tressqet wara z-zmien;

Rat id-Degrieti taghha (diversament presjeduta) tas-17 ta’ Mejju, 2000 (pagna 23) u tas-16 ta’ Gunju, 2000 (pagna 26);

Rat it-twegiba tal-konvenut Jason Demicoli tas-26 ta’ Gunju, 2000, (pagna 24 tal-process) li biha oppona ghat-talba tal-attur, ghar-ragunijiet hemm imsemmija;

Rat id-Degriet taghha (diversament presjeduta) tat-3 ta’ Lulju, 2000, (pagna 27), li bih ordnat lill-konvenut iressaq it-talba mehtiega dwar in-Nota tal-Eccezzjonijiet tieghu;

Rat ir-Rikors tal-imharrek Jason Demicoli tat-3 t’Awissu, 2000 (pagna 34 u 35 tal-process) li fih talab li jithalla jressaq in-Nota tal-Eccezzjonijiet tieghu ghat-talbiet tal-attur minhabba li n-notifika originali kienet kontra dak li trid il-ligi;

Rat id-Degriet taghha (diversament presjeduta) tas-7 t’Awissu, 2000;

Rat it-twegiba tal-attur tat-18 t'Ottubru, 2000, (pagna 43) li biha wera li, ghar-ragunijiet imsemmija, huwa kontra li l-konvenut Demicoli jithalla jressaq Nota tal-Eccezzjonijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament tal-konvenut;

Semghet lill-Avukati tal-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom;

Rat l-atti kollha rilevanti tal-kawza dwar dan l-episodju;

Rat id-Degriet taghha tas-7 ta' Novembru, 2000, u tal-10 ta' Jannar, 2001, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghall-provvediment dwar it-talba tal-konvenut li jnehhi l-kontumacja tieghu;

***Ikkunsidrat:***

Illi, mis-sottomissjonijiet maghmula mill-konvenut fir-Rikors tieghu, ir-raguni ewlenija li minhabba fiha qieghed jigi mfisser ghaliex ma ppresentax in-Nota tal-Eccezzjonijiet tieghu fiz-zmien moghti mil-ligi, tikkonsisti filli huwa jishaq li baqghet qatt ma saritlu notifika kif tfisser il-ligi. Biex iseddaq din is-sottomissjoni, huwa jirreferi ghall-artikoli 158(10) u 182(2) tal-Kodici tal-Procedura;

Il-konvenut jghid li l-atti tal-kawza gew notifikati lil ommu, f'indirizz li m'huwiex dak fejn jghix, u li l-karti li rceviet ommu kien ghaddihomlu huh xi jiem wara. Waqt is-smiegh tax-xhieda tieghu, l-konvenut wera lill-Qorti Karta tal-Identita' li turi li huwa ghandu indirizz f'dar ohra f'Birkirkara stess, u stqarr li dan l-indirizz il-gdid adottah matul l-2000;

Il-Qorti tqis li huwa logiku daqskemm evidenti li, jekk kemm-il darba wiehed jitkellem fuq validita' ta' notifika, allura ma jibqax izjed il-kaz li jitkellem ukoll dwar jedd li jnehhi l-kontumacja, ghaliex notifika invalida ma taghti qatt bidu ghaz-zmien li jimxi kontra l-persuna li, essenzjalment, ma tkun giet notifikata qatt. Huwa biss f'kaz ta' notifika valida li parti tista' titlob li l-kontumacja taghha titnehha;

Illi, mill-provi ghalhekk jirrisulta li sa ma jidher li gie notifikat l-ewwel darba l-konvenut, diga' kien mar jghix f'dar ohra. Min-naha tieghu, l-attur uza l-indirizz li l-konvenut innifsu ta' lill-Pulizija meta dan mar jaghmel ir-rapport tal-habta. In-notifika saret lil omm il-konvenut, li, ghall-finijiet tal-artikolu 187 (1) hija membru tal-familja tal-persuna li kellha tigi notifikata bl-atti. Issa peress li l-bdil ta' post tar-residenza ta' persuna m'huwiex fatt li jigi registrat b'mod ufficjali jew li jigi maghruf minn terzi fil-waqt li jkun sar, ikun hemm bilfors cirkostanza fejn tali persuna tibqa' tigi assocjata mal-indirizz li kellha qabel Ghalhekk, l-artikolu 187 (1) jaghraf bejn il-lok fejn wiehed joqghod u l-indirizz postali ta' persuna, bhala zewg bnadi separati fejn in-notifika tal-atti tista' validament issir;

Illi wara li qieset fit-tul dwar ic-cirkostanzi issib illi l-atti gew debitament notifikati kif trid il-ligi u li l-aggravju tal-konvenut li n-notifika m'hijiex valida ma jidhirx misthoqq;

Illi ghalhekk il-Qorti trid tara jekk, minkejja l-kwestjoni tan-notifika, il-konvenut ghandux jinghata d-dritt li jikkontesta l-kawza;

Illi, kif gie deciz minn dawn il-Qrati ghadd ta' drabi, il-kontumacja m'ghandhiex titqies bhala stqarrija jew ammissjoni ta' dak li qieghed jintalab mill-parti attrici: ghall-kuntrarju, il-kontumacja tqieset bhala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fil-ligi procedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naha l-ohra, l-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn issejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghamil li jisthoqqlu piena - dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi - bhala element ta' disordni socjali [ara App. Civ. Joseph Vella pro et noe vs John Vella maqtugha fil-**21 ta' Mejju, 1993**];

Fuq ix-xaqliba l-ohra, u minhabba l-effett irriversibbli li l-kontumajca ggib maghha, il-Qrati taghna ddecidew li r-rigorosita' tal-procedura ghandha tigi applikata u mfissra b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun soddisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista' jammonta ghal htija, m'ghandu jkun hemm l-ebda

diffikulta' li l-kontumacja titqies gustifikata [ara PASP Paul Vella pro et noe vs Anthony Ellul, maqtugha fl-**4 ta' Lulju, 1991**];

Illi jrid jinghad ukoll li meta u jekk il-Qorti ssib li l-kontumacja ta' konvenut hija gustifikata u thalli lil dik il-parti tressaq id-difiza taghha, ma tkun b'daqshekk biss titqies li qeghda tikkastiga lill-attur, imma biss tregga' f'postu l-ekwilibriju tal-partijiet fl-ahjar istruzzjoni tal-gudizzju. Wara kollox, kull min jiftah kawza kontra parti ohra (ghalkemm forsi jittama ghall-kuntrarju) dejjem jistenna li l-parti l-ohra, malli tircievi l-atti tac-Citazzjoni sejra tressaq il-kontestazzjoni taghha;

Issa, f'din il-kawza, hemm zewg konvenuti, u fir-rigward tal-konvenut l-iehor Martin James Bonavia, l-attur laqa' sahansitra n-Nota tal-Eccezzjonijiet tieghu meta dan kien ghadu mhux notifikat formalment bl-atti tac-Citazzjoni. F'dan il-kaz, ghalhekk, il-kawza hija kontestata u trid tinstama' x-xhieda;

Illi l-principji li jirregolaw jekk il-kontumacja hijiex bi htija jew le, gew ghadd ta' drabi mfissra u elenkati. Il-principji huma li: (a) il-kontumacja mhix gustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuza; (c) li jehtieg li biex tkun gustifikata tigi murija raguni gusta ghas-sudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raguni gusta trid tissarraf f'impediment legittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaci; minbarra dan, (f) sabiex zball ikun meqjus bhala impediment legittimu, irid ikun zball invincibbli b'mod li (g) l-impediment legittimu li jzomm lill-parti milli tressaq id-difiza taghha irid ikun dik li bnadi ohra ssejhet bhala *una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibli*; u (h) li l-impossibilita' li l-imharrek jikkontesta t-talba jew li jidher ghas-subizzjoni trid tkun gravi u fizika, u eccezzjonalment biss, wahda morali [ara per ezempju Appell Civili Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici maqtugha fit-**12 ta' Dicembru, 1975**; u PAGV Joseph Naudi Montaldo nomine vs Emmanuel Xuereb maqtugha fis-**27 ta' Frar, 1995**];

Illi sa minn dejjem, il-Qrati taghna qiesu li jaghmlu differenza bejn il-kontumacja ta' tort u dik gustifikabbli [ara s-sentenza tal-Prim'Awla tad-**9 ta' Dicembru, 1993**, fil-kawza fl-ismijiet Gloria Beacom et vs Perit Anthony Spiteri Staines, Kollez.

Vol: **LXXVII.iii.195**]. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa zminijiet ricenti u ddistingwew bejn il-konvenut li juri disinteress assolut u l-iehor li juri kull fehma li jikkontesta l-kawza u li ma lahaqx ghamel dan ghal raguni li ma kienx jahti ghaliha [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili tal-**14 ta' Jannar, 1993**, fil-kawza fl-ismijiet Pauline Grech et vs Nazzareno Zammit];

Illi minn dak li jirrisulta lill-Qorti fl-atti ta' dan il-process, jidher car li l-konvenut Demicoli qieghed juri kull fehma li jmieri x-xilja li qieghed jaghmillu l-attur. In-nuqqas tieghu li jressaq l-eccezzjonijiet fil-hin ma jistax jinghad li kienet htija tieghu, u l-Qorti tifhem li, minhabba c-cirkostanzi li fihom kien jinsab (fis-sens li ma kienx qieghed imur ghand ommu minhabba xi differenzi li kellhom bejniethom), ma kienx effettivament gie notifikat bl-atti tal-kawza qabel ma ghalaq iz-zmien utli ghalih;

Minbarra dan, il-principju ewlieni tal-haqq naturali tal-*audi alteram partem* jitfa' responsabbilta' mhux zghira fuq il-gudikant li jgharbel bl-akbar reqqa u qies xilja li twassal lil xi wahda mill-partijiet li tigi mizmuma milli tressaq il-kaz taghha quddiem it-tribunal li jkun;

Ghal dawn ir-ragunijiet, ghalhekk, din il-Qorti qeghda tiddeciedi l-episodju presenti billi:

Ssib li hemm raguni tajba bizzejjed biex il-**konvenut jithalla jikkontesta l-kawza** billi jressaq l-eccezzjonijiet tieghu ghat-talbiet tal-attur skond il-ligi;

U, ghall-finijiet ta' pratticita' u tqassir ta' zmien, tammetti n-Nota diga' mressqa minnu fl-10 ta' Mejju, 2000, bhala n-Nota tal-Eccezzjonijiet tieghu.

L-ispejjez ta' dan l-episodju jibqghu riservati ghad-decizjoni finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------